**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 28 ta' Frar, 2018**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 271/2016**

**Avukat Dott. Simon Galea Testaferrata ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Anirudh Krishna iben Jaykrishna Chingichamveetil u l-mejta Sangeeta Ellul Sullivan nee Dua,**

**vs**

**George Ellul Sullivan**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-4 ta' April, 2016 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent Anirudh Krishna huwa l-uniku wild tal-mejta Sangeeta Ellul Sullivan li kellha l-karta tal-identita numru 288308L, u li mietet Malta nhar il-24 ta' Settembru 2014 (Dok. 'SEL1');

2. Illi skond ir-ricerki testamentarji (Dok. 'SEL2' u Dok Dok. 'SEL3') l-imsemmija Sangeeta Ellul Sullivan halliet testment wiehed (Dok. 'SEL4'), u skond dan it-testment hija innominat lill-intimat bhala eredi universali taghha;

3. Illi ghalhekk l-esponent bhala t-tifel tad-decujus huwa intitolat ghall-porzjoni riservata spettanti lilu taht il-ligi;

4. Illi l-esponent talab lill-intimat sabiex fil-kwalita tieghu ta' eredi universali sabiex jghaddilu l-porzjoni riservata lilu (Dok. 'SEL5' & 'SEL6'), izda l-intimat naqas li jaghmel dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

5. Illi sallum l-esponent ghadu ma rcieva l-ebda hlas akkont tal-porzjoni riservata lilu, u wisq anqas xi hjiel ta' x'jikkomprendi l-asse tal-mejta ommu. Madanakollu huwa

mistenni li dan jinkludi attiv gewwa Malta fejn kienet tghix, kif ukoll gewwa l-India fejn trabbiet;

6. Li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat jaghmel din id-dikjarazzjoni;

7. Li ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponent nomine jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-
1. Tiddikjara qabel xejn li r-rikorrent ghandu dritt ghall-porzjoni rizervata a tenur tal-artikolu 615 et sequitur tal-Kap. 16;
2. Tlllikwida l-asse tal-mejta Sangeeta Ellul Sullivan, u tiddikjarah konsistenti f'dak l-attiv u passiv li talvolta jirrizulta okkorrendo permezz ta' periti li joghogobha tinnomina ghal dan il-ghan;
3. Tilllkwida l-porzjoni riservata spettanti lir-rikorrent fil-kwota ta' terz tal-asse hekk stabbilit;
4. Tordna lill-intimat sabiex bhala eredi tal-mejta Sangeeta Ellul Sullivan jghaddi lir-rikorrent din il-porzjoni riservata kif likwidata, flimkien mal-imghaxijiet dekorruti skond il-ligi,
Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent noe huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent noe.

2. Illi in linea preliminari r-rikorrent nomine jehtieg li jipprova li hu mqabbad bhala prokuratur tal-assenti Anirudh Krishna biex ikompli l-kawza.

3. In linea preliminari ukoll l-eccipjenti la ghandu u lanqas qatt kellu ebda oggezzjoni ghal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lir-rikorrenti u ghalhekk il-kawza hija ghal kollox intempestiva, irrita u nutili, u certament illi l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din l-istanza.

4. Illi ukoll in linea preliminari din il-kawza hija ntempestiva ghaliex kull kalkolazzjoni u assenjazzjoni tal-porzjoni riservata kif mitlub mir-rikorrenti, hija sospiza sakemm jigu terminati l-proceduri ta' probate li qed isiru l-Indja biex jigu stabbiliti l-assi ta' Sangeeta Ellul Sullivan liema proceduri inbdew appositament sabiex eventwalment tigi ukoll likwidata l-legittima li tmiss lir-rikorrent, kif wara kollox, l-esponent hu obbligat li jaghmel skond il-ligi u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi ghal kull buon fini l-likwidazzjoni ghandha ssir fuq dawk l-assi li skond il-ligi huma ammissibli biex jigu ikkunsiderati bhala assi tal-eredita. Illi ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza illi l-istess missier Anirudh Krishna, Jay Krishna Chingicham, ha assi li jappartjenu lill-esponent, u f'dan ir-rigward, l-esponent jirriserva li jsejjah li l-istess Jay Krishna biex jixhed f'dawn il-proceduri u biex jispjega ghemilu.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-affarijiet hawn Malta mhumiex ta' portata, u l-assi veri huma l-India fejn gja inbdew proceduri ghall-eventwali likwidazzjoni tal-estate tad-decuius Sangeeta Ellul Sullivan.

7. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz meta l-esponent jigi a konjizzjoni ta' aktar informazzjoni dwar il-proceduri li ghaddejjin gewwa l-Indja.

Rat l-atti u senjatament il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Frar 2018 fejn l-attur ceda lt-tieni u tielet talbiet tieghu u zamm ferm l-ewwel talba;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attur Anirudh Krishna qed jitlob lil Qorti tiddikjara li bhala l-uniku wild tal-mejta Sangeeta Ellul Sullivan ghandu dritt ghal porzjon riservata skont il-ligi wara li ommu fl-ahhar testament taghha tal-15 ta’ Settembru 2005 atti Nutar Joseph Debono (fol. 6 et seq. tal-process) innominat lil zewgha George Ellul Slullivan bhala l-uniku eredi taghha. Sangeeta Ellul Sullivan mietet fl-24 ta’ Settembru 2014.

Fir-risposta guramentata tieghu, il-konvenut qua eredi ta’ Sangeeta Ellul Slullivan jiddikjara li hu qatt ma kellu ebda oggezzjoni ghal likwidazzjoni tal-legittima dovuta lil attur.

Saru diversi eccezzjonijiet ohra kemm procedurali u kemm fil-mertu kif ukoll saru provi dwar il-konsistenza tal-assi tal-mejta f’Malta pero ebda prova dwar l-assi tal-mejta fl-India li kienu ghadhom fil-process ta’ likwidazzjoni. Madankollu dan kollu sar irrilevanti peress illi l-attur ceda t-talbiet tieghu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservata spettanti lilu biex jidderigi ruhu ahjar.

Bhala konsiderazzjoni legali ma hemm ebda dubju u dan hu ammess mill-eredi ta’ Sangeeta Ellul Sullivan, illi l-attur Anirudh Krishna hu intitolat ghal legittima spettanti lilu skont il-ligi. L-attur qed jitlob dan ai termini tal-artikolu 615 et seq. tal-Kap. 16. L-attur qua l-uniku wild tat-testatrici hu intitolat ghal terz tal-assi kollha tal-mejta wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral [ara artikolu 615, 616(3) u 620(2)]. Il-porzjoni riservata hi kreditu dovut lil legittimarju u hu intitolat ghall-imghax mid-data tal-ftuh

tas-sucessjoni billi l-kawza saret anqas minn sentejn wara l-mewt tat-testatrici [ara artikolu 615(2)].

B'dawn il-konsiderazzjonijiet legali konsegwenjali ghat-talba ghal dikjarazzjoni li l-attur hu dovut il-porzjoni riservata skont il-ligi, il-Qorti ser tieqaf hawn billi l-parametri tal-azzjoni gew ristretti biss ghal dikjarazzjoni ta' dritt u xejn aktar.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur ghandu dritt ghal porzjoni riservata mill-wirt ta' Sangeeta Ellul Sullivan ai termini tal-artikolu 615 et seq. tal-Kap. 16. L-ispejjez fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur